MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru. 798/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESSICA GRIMA**
**VS**
**MARFLENE CRICCHIOLA**
**OMMISSIS (IMPUTAT 2)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Marflene Cricchiola, ta’ 19 –il sena, iben Marlone u Rita nee’ Pavia imwieled Pieta’ nhar l-9 ta’ Novembru 1986, residenti 91, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 513386(M) ;
U Ommissis (imputat 2) ta’ Ommissis sena, iben Ommissis imwieled Pieta’ nhar l-Ommissis, residenti

Ommissis, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru Ommissis ;

Billi huma akkuzati:

Talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Lulju, u l-1 t'Awissu 2006, gewwa triq Cospicua Fgura

a) serqu vettura tat-tip Mini Minor, bin-numru tar-registrazzjoni LAI 952, liema vettura tiswa aktar minn Elf Lira Maltin ( Lm1000.00) ghad-detriment ta' Nikola Schembri, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mezz u hin;

b) u aktar talli ghal habta tal-04:00 ta filghodu gewwa triq Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, voluntarjament gharqu il-hwejjeg ta' Nikola Schembri, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50.00), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm 1000.00)

c) talli saqu vettura meta ma kienux koperti b'polza ta' l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur ta' Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta

lill Ommissis (imputat 2) wahdu:

d) talli fl-istess data u hin u cirkustanzi minghajr ma' kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Transport ta'Malta jew 15 (1) (a) (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta'Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikli din il-Qorti tista' issib htijja fl-imputati;

Rat il-verbal tal-23 ta' Frar 2010 fejn l-imputati ma kellhomx oggezjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputati;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputati wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat *pre-sentencing* report tal *-Probation Officers* minnhom ezebiti u mahlufa;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni taghhom il-Qorti issib lill-imputati **Marflene Cricchiola** u **Ommissis (imputat 2)** hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 37, 261, 267, 263 ,270 ,271 ,278 u 279, u Artiklu 325 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Maltijiet , Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta'Malta, Artikolu 15 (1) (a) (3) tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta'Malta Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta tqieghed lill-imputat **Marflene Cricchiola taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn (2),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat; tqieghed lill-imputat **Ommissis (imputat 2) taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar (18)**, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nomina.

Illi inoltre tipprojibixxi lill -**Ommissis (imputat 2) milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-sena (1) wara li jaghlaq tmintax (18) –il sena.**

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta' l-imputati , l-eta govanili taghhom, b'mob specjali ghall-imputat Ommissis (imputat 2) li kien ghadu minorenni fid-data ta' l-akkuza u, in vista tar-rakkomandazzjonijiet tal-*Presentencing Report* tal- *Probation Officers* .

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------